MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI GENERALI)

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 11/2013

**Mark Pirotta u Marcus Scicluna Marshall**

**Vs**

**Caruana & Cini Developments Company Ltd**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu gie premess:

1. Illi b'Rikors Guramentat numru. 74/2008 Mark Pirotta u Marcus Scicluna Marshall vs Caruana and Cini Developments Company Limited prezentat quddiem din l-Onor. Qorti l-atturi kienu ppremettew:

Illi permezz ta’ skrittura privata datata l-ghaxra (10) ta’ Mejju tas-sena elfejn u ħamsa (2005) sar konvenju bejn il-partijiet premessi fejn is-socjeta’ konvenuta, tramite mandatarji taghha, obbligat ruhha li tbiegh u tittrasferixxi lill-atturi accettanti l-proprjeta’ hemm fih indikata;

Illi fuq il-konvenju u wara l-istess saru diversi depoziti/hlasijiet fl-ammont globali ta’ dsatax-il elf, tliet mija u hamsa u hamsin lira Maltin u seba’ centezmi (Lm19,355.07c) [€45,085.19c];

Illi tali somma globali ndikata fil-paragrafu antecedenti tirraprezenta –
(i) depozitu akkont tal-prezz fuq il-konvenju fl-ammont ta’ erbat elef Lira Maltin (Lm4,000.00c) [9,317.50c] kif evidenzjat fl-ewwel (1) klawsola tal-istess;

(ii) spejjez inkorsi in konnessjoni ma’ PA Permit numru 3451/05 fl-ammont ta’ mija u tmenin Lira Maltin u seba’ centezmi (Lm180.07c) [419.29c];

(iii) ammont li thallas bhala Capital Transfer Duty fis-somma ta’ erba’ mitt Lira Maltin (Lm400.00c) [€931.75c];

(iv) ammont li thallas bhala Building Levy fis-somma ta’ seba’ mija u hamsa u sebghin Lira Maltin (Lm775.00c) [€1,805.26c];

(v) zewg depoziti ulterjuri maghmula mill-atturi lis-socjeta’ konvenuta, wiehed fl-ammont ta’ tmint elef Lira Maltin (Lm8,000.00c) [18,634.99c] u iehor fl-ammont ta’ sitt elef Lira Maltin (Lm6,000.00c) [€13,976.24c];

Illi l-konvenju suriferit ma seta’ qatt jigi mwettaq u dan minhabba ragunijiet imputabbli unikament lis-socjeta’ konvenuta, rizultanti minn problemi relatati ma’ permessi, u/jew nuqqas tal-istess permessi, relattivi ta’ bini fuq il-proprjeta’ riferita fil-konvenju;

Illi mill-ammont globali suriferit ta’ Lm19,355.07c [€45,085.19c], diga’ gie rifuz lill-atturi l-ammont ta’ erbat elef, tliet mija u sebgha u disghin Lira Maltin u hamsin

centezmu (Lm4,397.50c) (€9,317.49c) u dan minghajr pregudizzju ghad-drittijiet rispettivi tal-partijiet;

Illi ghalhekk  jifdal jigi rifuz lill-atturi l-ammont bilancjali ta' erbatax-il elf, disa' mija u sebgha u hamsin Lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm14,957.57c) [€34,841.77c];

Talbu lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex ma' kellhiex l-Onor. Qorti:

1. tiddikjara li ammont bilancjali ta' erbatax il-elf, disa' mija u sebgha u hamsin Lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm14,957.57c) [€34,841.77c] hu dovut mis-socjeta' konvenuta lill-atturi;

2. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex tirrifondi l-imsemmi ammont, flimkien ma' l-ispejjez tal-proceduri n kwistjoni u l-imghaxijiet lill-atturi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali spedita fis-sittax (16) ta' April, tas-sena elfejn u sebgħa (2007) kontra s-socjeta' konvenuta u bl-imghax skond il-ligi mid-data prezentata tal-istess imsemmija ittra ufficcjali kontra l-istess soċjeta' konvenuta, ngunta ghas-subizzjoni.

2. Fir-Risposta Guramentata s-socjeta' konvenuta eccepiet :

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha a karigu tal-istess atturi;

2. Illi ghalkemm huwa veru illi l-konvenju tal- 10 ta' Mejju 2005 baqa' qatt ma gie ezegwit, dan ma sarx minhabba xi nuqqas jew xi htija tal-esponenti jew tal-venditur l-iehor, u aktar importanti, ir-rifuzjoniijiet kollha illi kienu dovuti lill-atturi mill-vendituri wara li skada dak il-konvenju thallsu fl-intier taghhom. B'mod u manjiera ghalhekk illi l-esponenti ma fadlilha tirrifondi ebda ammont lill-atturi, kuntrarjament ghal dak pretiz minnhom;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt;

4. Illi b'referenza ghal kull paragrafu gurament tal-atturi, l-esponenti jiddikjaraw illi huma jaqblu mal-kontenut tal-ewwel paragrafu;

5. Illi t-tieni paragrafu mhux korrett. L-uniku hlas illi irciviet l-esponenti minghand l-atturi kien ta' Lm4,000 (€9,317.49c) u dan kien jifforma parti mir-rifużjoni illi l-esponenti eżegwiet favur l-atturi fl-4 ta' Ottubru 2007;

6. Illi jsegwi illi t-tielet paragrafu mhuwiex korrett:

a. L-esponenti irċeviet biss ammont ta' Lm4,000 (€9,317.50c) minghand l-atturi, illi gie rifuz lill-atturi kif fuq spejgat;

b. Imbaghad wara li skada il-konvenju hija rceviet ukoll 'refund' minghand il-MEPA ta' Lm347.50ċ (€809.46c) liema refund hija prontament ghaddiet lill-atturi bis-sahha tal-istess ittra tal-4 ta' Ottubru 2007;

c. L-atturi ma ghandhom ebda dritt jitolbu r-rifużjoni ta' l-ammonti illi huma hallsu in konnessjoni ma' PA Permit Nru. 3451/05, jew bhala Building Levy ghaliex l-esponenti ma hadet ebda vantagg jew utili minn dan il-pagament imwettaq mill-atturi;

d. Rigward l-ammont imhallas bhala 'Capital Transfer Duty', imbaghad, hija prattika tal- Kummissarju tat-Taxxi Nterni illi meta konvenju jiskadi, dan jirrifondi l-ammont ta' boll imhallas provvizorjament fuq il-konvenju lill-propost kompratur – imma huwa l-propost kumpratur jew in-Nutar tieghu illi jridu jaghmlu t-talba opportuna lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni. Jekk dan l-atturi ghadhom ma ghamluhx sal-lum, allura ma jfissirx illi b'daqshekk ghandhom xi dritt jitolbu dan l-ammont minghand l-esponenti.

7. Illi l-konvenju ma giex ezegwit ghaliex kienu l-atturi illi tilfu l-interess fl-akkwist tal-proprjeta' de quo, imma fi kwalunkwe kaz, ir-raguni l-ghala l-konvenju ma twettaqx hija rrilevanti ghat-talbiet tal-atturi;

8. Illi l-hames paragrafu huwa korrett;

9. Illi s-sitt paragrafu mhux korrett ghaliex l-esponenti issostni illi hija ma fadlilha thallas xejn lill-atturi, u t-talbiet taghhom huma kompletament infondati fid-dritt u fil-fatt.

3. Illi fid-digriet ossia verbal tas-17 ta' Ottubru 2012 din il-kawza thalliet ghas-sentenza.

4. Illi fis-sentenza moghtija fit-12 ta' Dicembru 2012 fl-ismijiet premessi L-Onor. Qorti laqghet l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, u cahdet it-talbiet attriċi bl-ispejjez kontra l-atturi.

5. Illi il-verbal tas-17 ta' Ottubru 2012 jghid:

*Il-Qorti billi ma kienitx f'posizzjoni tali li taghti s-sentenza minhabba r-rikors tas-socjeta' konvenuta tal-10 ta' Awissu 2012 li baqa' ma giex notifikat lill-atturi thalli l-kawza ghas-sentenza ghat-12 ta' Dicembru 2012.*

6. Illi sussegwentement ghad-digriet ossia verbal tas-17 ta' Ottubru 2012 l-atturi baqghu ma gewx notifikati bir-rikors tas-socjeta' konvenuta tal-10 ta' Awissu 2012 izda xorta ghaddiet ghas-sentenza.

7. Illi l-imsemmi rikors tal-10 ta' Awissu 2012 kien rikors maghmula mill-konvenuti sabiex jitolbu l-permess tal-Onor. Qorti sabiex jipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet.

8. Illi dan ir-rikors baqa' mhux dekretat izda xorta wahda, kif jirrizulta a fol 118 et seq., din in-nota giet prezentata u dana fit-28 ta' Settembru 2012.

9. Illi l-artikolu 811 (a) jispjega li sentenza tista' tigi mhassra jekk is-sentenza tkun ittiehdet bil-qerq ta' wahda mill-partijiet. Illi fil-kaz odjern il-qerq jikkonsisti fil-fatt ta' prezentata ta' nota ta' osservazzjonijet meta dana ma kienx permess mill-Onor. Qorti u l-istess nota ta' osservazzjonijiet ma gietx notifikata lill-atturi kif ordnat

mill-Qorti stess. Ebda parti ma tista' tesebixxi dokumenti jew noti jekk mhux bil-permess tal-Qorti.

10. Illi l-artikolu 811 (l) jistabilixxi li sentenza tista' tigi mhassra jekk is-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza. Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-izball, fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-supposizzjoni ta' xi fatt li l-verità tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew fuq is-supposizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verità tieghu tkun stabbilita posittivament, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi gie deciz bis-sentenza.

11. Illi fil-kaz odjern l-izball ta' fatt relatat man-nuqqas ta' notifika tar-rikors fuq precitat u minhabba l-fatt l-Ewwel Onor. Qorti ghamlet riferenza zbaljata ghall-fatti relattivi. Infatti fil-pagna 6 tal-imsemmija sentenza l-Onor. Qorti ddikjarat *Dawn iċ-cheques baqghu qatt ma gew prodotti bhala prova mill-atturi, u ghalhekk din il-Qorti ma setghetx tivverifika jekk gewx tassew imsarrfa minn Manwel Cini jew xi hadd iehor f'isem is-socjeta' konvenuta*.

12. Illi l-izball relattiv kien tali li kienet il-bazi li fuqha nghatat s-sentenza relattiva. L-izball jikkonsisti fil-fatt li mkien ma rrizulta n-necessita' li jigu esibiti dawn ic-cekkijiet proprju billi t-tisrif ta' dawn ic-cekkijiet kien pacifiku bejn il-partijiet, izda li ma kienx hemm qbil kien fuq ir-retroxena ta' dan it-tisrif. Tant hu hekk li l-persuna li hadet hsieb in-negozju tal-promessa ta' bejgh da parti tas-socjeta' intimata, ossia Joseph Cini, lanqas biss xehed f'dawn il-proceduri.

13. Illi konsegwentenment ghan-nuqqas ta' notifika tal-atturi kif fuq spjegat tad-digriet relattiv, u l-prezentata tan-nota ta' osservazzjonijiet mill-konvenuti, kfi ukoll l-izball fattwali fuq riferit, jissussistu l-elementi preskritti mill-Artikolu 811 (a) u 811 (l) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-precitata sentenza datata 12 ta' Dicembru 2012 tigi mhassra u l-kawza fl-ismijiet !Mark Pirotta u Marcus Scicluna Marshall vs Caruana and Cini Developments Company" terga' tigi trattata.

Raguni tat-Talba

1. Illi fid-digriet ossia verbal tas-17 ta' Ottubru 2012 il-kawza 74//2008 Mark Pirotta et vs Caruana & Cini Developments Limited thalliet ghas-sentenza.

2. Illi fis-sentenza moghtija fit-12 ta' Dicembru 2012 fl-ismijiet premessi L-Onor. Qorti laqghet l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, u cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-atturi.

3. Illi il-verbal tas-17 ta' Ottubru 2012 jghid:

*Il-Qorti billi ma kienitx f'posizzjoni tali li taghti s-sentenza minhabba r-rikors tas-socjeta' konvenuta tal-10 ta' Awissu 2012 li baqa ma giex notifikat lill-atturi thalli l-kawza ghas-sentenza ghat-12 ta' Dicembru 2012.*

4. Illi sussegwentement ghad-digriet ossia verbal tas-17 ta' Ottubru 2012 l-atturi baqghu ma gewx notifikati bir-rikors tas-socjeta' konvenuta tal-10 ta' Awissu 2012 izda xorta ghaddiet ghas-sentenza.

5. Illi l-imsemmi rikors tal-10 ta' Awissu 2012 kien rikors maghmula mill-konvenuti sabiex jitolbu l-permess tal-Onor. Qorti sabiex jipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet.

6. Illi dan ir-rikors baqa' mhux dekretat izda xorta wahda, kif jirrizulta a fol 118 et seq., din in-nota giet prezentata u dana fit-28 ta' Settembru 2012.

7. Illi l-artikolu 811 (a) jispjega li sentenza tista' tigi mhassra jekk is-sentenza tkun ittiehdet bil-qerq ta' wahda mill-partijiet. Illi fil-kaz odjern il-qerq jikkonsisti fil-fatt ta' presentata ta' nota ta' osservazzjonijet meta dana ma kienx permess mill-Onor. Qorti u l-istess nota ta' osservazzjonijiet ma gietx notifikata lill-atturi kif ordnat mill-Qorti stess. Ebda parti ma tista tesebixxi dokumenti jew noti jekk mhux bil-permess tal-Qorti.

8. Illi l-artikolu 811 (l) jistabilixxi li sentenza tista tigi mhassra jekk is-sentenza kienet l-effett ta’ zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza. Ghall-finijiet ta’ dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-izball, fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-supposizzjoni ta’ xi fatt li l-verità tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew fuq is-supposizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verità tieghu tkun stabbilita posittivament, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi gie deciz bis-sentenza.

9. Illi fil-kaz odjern l-izball ta’ fatt relatat man-nuqqas ta’ notifika tar-rikors fuq precitat u minhabba l-fatt l-Ewwel Onor. Qorti ghamlet riferenza zbaljata ghall-fatti relattivi. Infatti fil-pagna 6 tal-imsemmija sentenza l-Onor. Qorti ddikjarat *Dawn ic-cheques baqghu qatt ma gew prodotti bhala prova mill-atturi, u ghalhekk din il-Qorti ma setghetx tivverifika jekk gewx tassew imsarrfa minn Manwel Cini jew xi hadd iehor f’isem is-socjeta’ konvenuta*.

10. Illi l-izball relattiv kien tali li kienet il-bazi li fuqha nghatat s-sentenza relattiva. L-izball jikkonsisti fil-fatt li mkien ma rrizulta n-necessita’ li jigu esibiti dawn ic-cekkijiet proprju billi t-tisrif ta’ dawn ic-cekkijiet kien pacifiku bejn il-partijiet, izda li ma kienx hemm qbil kien fuq ir-retroxena ta’ dan it-tisrif. Tant hu hekk li l-persuna li hadet hsieb in-negozju tal-promessa ta’ bejgh da parti tas-socjeta’ intimata, ossia Joseph Cini, lanqas biss xehed f’dawn il-proceduri.

11. Illi konsegwentenment ghan-nuqqas ta’ notifika tal-atturi kif fuq spjegat tad-digriet relattiv, u l-presentata tan-nota ta’ osservazzjonijiet mill-konvenuti, kfi ukoll l-izball fattwali fuq riferit, jissussistu l-elementi preskritti mill-Artikolu 811 (a) u 811 (l) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex il-precitata sentenza datata 12 ta’ Dicembru 2012 tigi mhassra u l-kawza fl-ismijiet Mark Pirotta u Marcus Scicluna Marshall vs Caruana and Cini Developments Company terga tigi trattata.

<u>Talbiet</u>

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi, ir-ritrattandi qed jitolbu din il-Qorti sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u provvedimenti opportuni:

i. Tiddikjara li konsegwentenment ghan-nuqqas ta' notifika tal-atturi kif fuq spjegat tad-digriet relattiv, u l-prezentata tan-nota ta' osservazzjonijiet mill-konvenuti, kif ukoll l-izball fattwali fuq riferit, jissussistu l-elementi preskritti mill-Artikolu 811 (a) u 811 (l) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-precitata sentenza datata 12 ta' Dicembru 2012 tigi mhassra u l-kawza fl-ismijiet 74/2008 Mark Pirotta u Marcus Scicluna Marshall vs Caruana and Cini Developments Company terga' tigi trattata.

ii. Konsegwentement, a tenur tal-precitati artikoli 811 (a) u 811 (l) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta thassar is-sentenza moghtija fit-12 ta' Dicembru 2012 fl-ismijiet 74/2008 "Mark Pirotta u Marcus Scicluna Marshall vs Caruana and Cini Developments Company".

iii. Konsegwentement, a tenur tal-precitati artikoli 811 (a) u 811 (l) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet 74/2008 "Mark Pirotta u Marcus Scicluna Marshall vs Caruana and Cini Developments Company" sabiex din tigi deciza skond il-ligi.

Bl-ispejjez a kariku tal-intimati.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' ritrattata li permezz taghha eccepiet:

1. Illi t-talbiet attriċi huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom, konsegwentement jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.

2. B'mod partikolari, assolutament ma huwiex minnu li s-sentenza tat-12 ta' Dicembru 2012 giet kaptata b'xi qerq da parti tal-esponenti;

3. Illi lanqas huwa minnu li l-imsemmija sentenza hija rizultat ta’ xi zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, trattandosi minn talba ta’ ritrattazzjoni ta’ sentenza moghtija minn qorti tal-ewwel grad, din it-talba lanqas biss tista’ tigi kkunsidrata ghaliex l-atturi lanqas ma qeghdin jallegaw li huma saru jafu bil-fatti allegati wara li ghalaq iz-zmien tal-appell, kif rikjest espressament mill-artikolu 812 tal-Kap. 12.

5. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, anki jekk, ghall-grazzja tal-argument biss, it-talba ghar-ritrattazzjoni tista’ tintlaqa’, jibqa’ l-fatt li s-sentenza moghtija fit-12 ta’ Dicembru 2012 hija gusta u hemm lok li tinghata decizjoni identika fl-istadju tar-*rescissorio*.

6. Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

IT-TALBA GHAR-RITRATTAZZJONI IN KWANTU BBAZATA FUQ L-ARTIKOLU 811(a).

7. Illi l-fatti precedenti ghall-prolazzjoni tas-sentenza msemmija huma s-segwenti:

a. Fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin ta’ Gunju elfejn u tnax (27/06/2012) gie vverbalizzat is-segwenti:

Id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw illi l-istadju tal-gbir tal-provi huwa maghluq, u illi l-Qorti tista’ tghaddi ghas-sentenza taghha b’dana illi jinghataw terminu sabiex jipprezentaw in-noti ta’ sottomissjonijiet taghhom

Il-Qorti,

Tilqa’ t-talba, u tikkoncedi sa l-ahhar ta’ Lulju 2012 ghan-nota tal-atturi, u sa l-ahhar ta' Awwissu 2012 ghan-nota tal-konvenuti.

Kawza differita ghas-sentenza ghas-17 ta’ Ottubru 2012.

b. Skont dak il-verbal, allura, kien jispetta lill-atturi li, sal-ahhar ta' Lulju 2012 jipprezentaw in-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, sabiex imbaghad, l-esponenti tkun tista' tirrispondi sal-ahhar ta' Awwissu tal-istess sena;

c. L-atturi ma uzufruwewx minn din il-fakultà, u ghalhekk, b'sens ta' lealtà, imma wkoll sabiex tikkawtela ruhha kontra l-possibbiltà li, wara li hija tkun ipprezentat in-nota taghha, l-esponenti ssib ruhha ffaccjata b'nota da parti tal-attur u jkollha tieħu l-isbriga li toqghod terga' tirrispondi ghal tali nota, l-esponenti pprezentat ir-rikors tat-28 ta' Settembru 2012.

d. F'dak ir-rikors, l-esponenti talbet biss direttiva minghand din l-Onorabbli Qorti sabiex din jew tawtorizzaha tipprezenta n-nota taghha b'dan li l-atturi jkunu ddekadew mid-dritt li jipprezentaw in-nota taghhom jew inkella tiffissa terminu perentorju li fih l-atturi jipprezentaw in-nota taghhom sabiex wara tkun hija li tipprezenta nota;

e. Mhux korrett, ghalhekk, jinghad li l-esponenti kienet titlob **permess** minghand il-Qorti sabiex tipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet taghha: il-permess ghal tali prezentata kien digà inghata fl-udjenza tas-27 ta' Gunju 2012, udjenza li ghaliha kien prezenti wkoll l-avukat tal-atturi.

f. L-esponenti debitament hallset notifika ta' dak ir-rikors lill-avukat tal-atturi, li però ghal xi raguni ma marx gabar id-dokument relattiv minkejja l-isforzi tal-pustier sabiex jinnotifikah.

g. In-nota ta' sottomissjonijiet tal-esponenti kien ilha lesta sa minn Awwissu 2012 imma hija ma xtaqitx tipprezentaha qabel ma jkun hemm provvediment mill-Qorti dwar x'ser jigri dwar in-nuqqas tal-aturi li jipprezentaw in-nota taghhom fit-terminu moghti lilhom skont il-verbal hawn fuq iccitat.

h. Kien ghalhekk, u ghalhekk biss, li l-esponenti pprezentat dik in-nota mmedjatament wara l-verbal tal-Qorti tas-17 ta’ Ottubru 2012.

8. Huwa sottomess bir-rispett li dawn ir-*res gestae* ma jikkwalifikawx bħala l-“qerq” fis-sens tal-artikolu 811(a) tal-Kap. 12 u għalhekk, inkwantu bbażata fuq dan is-subartikolu, it-talba odjerna ma tistax tirnexxi.

IT-TALBA GHAR-RITRATTAZZJONI IN KWANTU BBAZATA FUQ L-ARTIKOLU 811(l).

9. It-tieni raguni li fuqha l-atturi jibbazaw it-talba taghhom hija fuq l-allegat “zball” tal-Qorti fir-rigward taz-zewg cheques li bihom suppost li thallas l-ammont ta’ erbatax-il elf lira Maltija mill-atturi.

10. Bir-rispett kollu lejn l-atturi, però, hawnhekk huma qeghdin jikkonfondu kemm il-fatti kif ukoll, u forsi iktar importanti, il-principji legali li jiggvernaw l-istitut ta’ ritrattazzjoni ta’ kawza fuq “zball li jidher mill-atti.”

11. Din il-Qorti ma nkorriet bl-ebda zball meta qalet li c-cheques ma gewx ipprezentati mill-atturi – ezami akkurat tal-process juri li ma hemm ipprezentata l-ebda kopja ta’ tali cheques la mill-atturi u wisq u wisq inqas mill-esponenti (li ovvjament qatt ma kellha fil-pussess taghha dawn is-suppost cheques).

12. It-talba tal-atturi setgħet forsi tirnexxi li kieku l-Ewwel Onorabbli Qorti kkonkludiet li dawn ic-cheques ma gewx ipprezentati meta fil-fatt fil-process kienet tezisti kopja taghhom; ghalkemm anki kieku dan kien il-kaz, peress li dan kien fatt li kien “punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza” allura fit-termini tal-proviso li jinsab *in calce* tas-subartikolu relattiv, it-talba lanqas ma setghet tirnexxi.

13. Imma f’dan il-kaz, il-kunsiderazzjoni tal-Qorti li minnha qed jilmentaw l-atturi tinkwadra ruhha biss bhala kunsiderazzjoni ta’ natura legali – mhux fattwali – u l-konkluzjonijiet li ngibdu mill-gudikant minn tali kunsiderazzjoni. Fuq punti bhal dawn, seta’, forsi, kien

hemm lok ghall-appell da parti tal-atturi imma certament ma tistax tigi kkunsidrata, u wisq u wisq inqas milqugha, talba ghal ritrattazzjoni ta’ kawza.

DIN IT-TALBA MHIJIEX AMMISSIBBLI FIT-TERMINI TAL-ARTIKOLU 812 TAL-KAP. 12.

14. It-talba ghar-ritrattazzjoni tal-atturi hija manifestament minn sentenza moghtija minn qorti tal-ewwel grad, u ghalhekk jehtieg li barra li jiġu ssodisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 811, l-atturi jissodisfaw ukoll ir-rekwiziti addizzjonali previsti fl-Artikolu 812 tal-Kap. 12. Fost dawn ir-rekwiziti hemm dak li l-parti li titlob ir-ritrattazzjoni “tkun giet taf bil-fatti li minhabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni, wara li jkun ghalaq iz-zmien tal-appell.”

15. L-esponenti tirrileva li l-atturi lanqas biss ma huma qeghdin jallegaw, fir-rikors taghhom, li huma saru jafu bin-nuqqasijiet li fuqhom qed jibbazaw it-talba taghhom wara li skada t-terminu utili sabiex jappellaw mis-sentenza. Tissottometti wkoll li huwa mehtieg li fir-rikors li bih tigi promossa t-talba ghar-ritrattazzjoni, ir-rikorrent jindika espressament ir-ragunijiet li fuqhom huwa qed jibbaza t-talba tieghu. Issa, skont gurisprudenza stabbilita, in-nuqqas tar-rikorrent li jindika tali ragunijiet iwassal necessarjament u neskapabbilment ghac-cahda tat-talba tieghu. U ghaldaqstant, dejjem fl-umili sottomissjoni tal-esponenti, in-nuqqas tal-atturi li jiddikjaraw, u jikkonfermaw bil-gurament taghhom, li huma ma kienux jafu b’dawn l-allegati nuqqasijiet fi zmien utili ghall-appell huwa fatali ghat-talba taghhom.

KUNSIDERAZZJONIJIET FL-EVENTWALI STADJU TA’ *RESCISSORIO.*

16. L-esponenti qegħdha f’din ir-risposta tikkoncentra fuq risposti kontra t-talbiet tal-atturi fi stadju tar-*rescindente,* imma, interament minghajr pregudizzju u fl-eventwalità biss li din l-Onorabbli Qorti ma taqbilx ma’, u tilqa’ t-talba ghar-ritrattazzjoni, hija tirrileva li s-sentenza mpunjata hija fil-fatt dik korretta u l-unika waħda li

gudikant jista’ jasal ghaliha fid-dawl tac-cirkustanzi kollha ta’ dan il-kaz.

17. Dwar dan tirrizerva li tressaq is-sottomissjonijiet rilevanti fiz-zmien opportun.

Ghaldaqstant it-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra tagħhom.

Rat l-atti nkluz l-atti allegati tal-kawza fl-istess ismijiet deciza fit-12 ta’ Dicembru 2012 u d-dokumenti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum.

Kunsiderazzjonijiet

Permezz ta’ dawn il-proceduri qeghdha tintalab ir-ritrattazzjoni tas-sentenza fl-istess ismijiet moghtija fit-12 ta’ Dicembru 2012.

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

- Fl-10 ta’ Mejju 2005 kien sar konvenju bejn il-partijiet. Il-kuntratt ta’ bejgh ta’ proprjeta’ mmobbli baqa’ qatt ma sehh.

- Ghalhekk ir-ritrattandi (atturi f’dik il-kawza) pprocedew permezz ta’ kawza prezentata fil-11 ta’ Lulju 2008 u talbu r-rifuzjoni ta’ ammonti ta’ flus li sostnew li gew imhallsa minnhom inutilment lis-socjeta’ ritrattata fuq u in segwitu ghall-konvenju liema konvenju gie estiz diversi drabi. Hadd mill-partijiet ma ghamel proceduri a tenur ta’ l-artikolu 1357 tal-Kodici Civili.

- Is-socjeta’ ritrattata f’dik il-kawza kkontestat l-ammont pretiz peress li sostniet li l-ammonti mitluba ma kienux dovuti in parti ghaliex ma thallsux u in parti ghaliex ma kinitx tenuta li tirrifondihom.

- Il-partijiet ressqu l-provi taghhom f’dik il-kawza. Fis-seduta tal-4 ta’ Mejju 2012 quddiem l-Assistant Gudizzjarju Dr Attard Hili, l-avukat tar-ritrattandi rrizerva li

jipprezenta nota b'dokumenti bankarji fir-Registru tal-Qorti. Il-partijiet talbu li l-process jigi rimess lill-qorti stante li l-istadju tax-xhieda kien maghluq. F'dik l-istess seduta r-ritrattandi talbu li jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet sal-udjenza tas-27 ta' Gunju, 2012 filwaqt li s-socjeta' ritrattata talbet sal-ahhar ta' Awwissu 2012 ghall-prezentata tan-nota responsiva.

- Permezz tad-digriet tas-7 ta' Mejju 2012, il-Qorti laqghet it-talba u rrizervat li tiddiferixxi l-kawza ghas-sentenza fl-udjenza li kien imiss.

- Fis-27 ta' Gunju 2012 id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw illi l-istadju tal-gbir tal-provi kien maghluq, u *"illi l-Qorti tista' tghaddi ghas-sentenza taghha b'dana illi jinghataw terminu sabiex jipprezentaw in-noti ta' sottomissjonijiet taghhom".* Il-Qorti laqghet it-talba u kkoncediet sa l-ahhar ta' Lulju 2012 ghan-nota tal-atturi u sa' l-ahhar ta' Awwissu 2012 ghan-nota tal-konvenuti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-17 ta' Ottubru 2012.

- L-atturi f'dik il-kawza, ir-ritrattandi odjerni, ma pprezentawx in-nota ta' sottomissjonijiet taghhom sat-terminu koncess.

- Fl-10 ta' Awwissu 2012 is-socjeta' konvenuta pprezentat rikors li permezz tieghu talbet lill-qorti tawtorizzaha tipprezenta n-nota taghha immedjatament b'dan li l-atturi jkunu ddekadew mid-dritt li jipprezentaw in-nota taghhom, jew inkella jigu ffissati termini ohra.

- Il-qorti ordnat in-notifika ta' dak ir-rikors lill-kontro-parti bi zmien erbat ijiem ghar-risposta. Dan ir-rikors ghalkemm jirrizulta li gie notifikat lill-avukat tal-kontro-parti baqa' ma giex notifikat lir-ritrattandi.

- Fit-28 ta' Settembru 2012 is-socjeta' ritrattata pprezentat in-nota ta' sottomissjonijiet taghha.

- Fis-17 ta' Ottubru 2012 il-qorti ma tatx is-sentenza billi ddikjarat li *"ma kienitx f'posizzjoni tali li taghti s-sentenza minhabba r-rikors tas-socjeta' konvenuta tal-10 ta'*

*Awwissu 2012 li baqa' ma giex notifikat lill-atturi".* Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-12 ta' Dicembru 2012.

▪ Ir-rikors tas-socjeta' rikorrenti baqa' ma giex notifikat lill-kontro-parti.

▪ Il-qorti tat is-sentenza fit-12 ta' Dicembru 2012 li permezz taghha cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghha.

▪ Ma sarx appell minn tali sentenza u minflok giet prezentata l-kawza odjerna fit-12 ta' Frar 2013 li permezz taghha qeghdin jitolbu r-ritrattazzjoni tas-sentenza moghtija fit-12 ta' Dicembru 2012.

Illi t-talba odjerna hija bbazata fuq l-artikolu 811(a) u (l) tal-Kap 12. Dan l-artikolu jipprovdi:

L-artikolu 811 tal-Kap 12 jipprovdi:

*'Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Civili Prim'Awla, fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, tista', fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza, ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:'*

*Fost ir-ragunijiet elenkati nsibu s-sub-artikoli 811(a) u (l):*

*(a) jekk is-sentenza tkun ittiehdet bil-qerq ta' wahda mill-partijiet bi hsara tal-ohra;*

*(l) jekk is-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza.*

L-artikolu 812 jiddisponi illi:

*'Ir-ritrattazzjoni ta' kawza deciza b'sentenza moghtija minn qorti ta' l-ewwel grad, u li ghaddiet f'gudikat, tista' tinghata wkoll, fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess, f'kull wiehed mill-kazijiet imsemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan, basta li l-parti tkun giet taf bil-fatti illi minhabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni, wara li jkun ghalaq iz-zmien ta' l-appell.'*

Qabel xejn jehtieg li ssir referenza ghall-principji li jirregolaw dan l-istitut u li jemergu mill-gurisprudenza.

Illi kif inhu risaput ir-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju li jolqot sentenza li tkun saret gudikat. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Anna Cassar et vs Lawrence Attard noe et**[1]

*'Huwa essenzjali f'kull sistema ta' dritt, li sentenza ghandha tkun l-ahhar kelma dwar l-istat ta' dritt bejn partijiet fi kwestjoni, u s-sahha taghha titqies bhala s-sewwa maghruf (pro veritate habetur). Kif inghad*[2]*, l-effikacja guridika u socjali tal-gudikat titlob li l-amministrazzjoni tal-gustizzja ma tigix imfixkla billi, fi kwalunkwe stadju u minghajr limiti, l-parti telliefa terga' tqajjem il-kwestjoni u tiftahha. Huwa ghalhekk li l-legislatur ried li jaghti espressament, b'mod tassattiv u f'dawn it-termini biss ir-rimedju tar-ritrattazzjoni li bih biss sentenza tista' tigi attakkata u mwaqqa' wara li tkun saret gudikat. B'dan il-mod, jekk ghall-kaz partikolari ma japplikawx ir-rimedji eccezzjonali tal-istitut tar-ritrattazzjoni, m'hemm l-ebda mod kif titwaqqa' sentenza li ghaddiet in gudikat*[3]*. Minbarra dan, ilu zmien twil stabbilit il-principju li s-sahha tar-rabta ta' sentenza li ghaddiet f'gudikat ma titwaqqax lanqas bir-rimedju tar-ritrattazzjoni fejn ma jintweriex li l-parti kienet imcahhda milli tiddefendi lilha nnifisha, ghall-kuntrarju ta' fejn naqset li tiddefendi lilha nnifisha jew ma haditx dawk il-passi biex tizgura difiza xierqa*[4]*.*

*Illi l-procedura tar-ritrattazzjoni ghandha zewg ghanijiet: fl-ewwel post, dik li thassar ghal kollox u mhux biss parzjalment*[5] *sentenza li tkun saret gudikat bejn il-partijiet u dan ghal xi wahda mir-ragunijiet specifici u tassattivi*

[1] Cit Nru: 392/2001JRM deciza fil-25 ta' Settembru, 2003
[2] App Civ 28.6.1973 fil-kawza fl-ismijiet **Caterina Gerada et vs Avukat Dottor Antonio Caruana** (mhix pubblikata)
[3] App Inf, 31.7.1996 fil-kawza fl-ismijiet **Martin Farrugia vs John Mifsud et** (mhix pubblikata).
[4] Kumm. 31.3.1894 fil-kawza fl-ismijiet **Zonda vs Parthenis** (Kollez Vol XIV.I.219)
[5] App Civ 5.6.1985 fil-kawza fl-ismijiet **Kontrollur tad-Dwana vs Michael Zammit et**

*msemmija mil-ligi*[6] *(imsejha teknikament in rescindente); u fit-tieni post, dik li terga' tinstema' l-kawza li s-sentenza taghha tkun thassret u li tinghata sentenza ohra mill-gdid (imsejha teknikament in rescissorio)'.*

Kif inhu maghruf, l-istitut tar-ritrattazzjoni huwa meqjus bhala rimedju straordinarju governat minn regoli ta' interpretazzjoni strettissima, mhux suxxettibbli ghall-interpretazzjoni estensiva izda biss ghal wahda letterali[7] .

Hekk kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **J. Sammut et noe vs M. Mizzi et**[8] ir-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju u eccezzjonali inkwantu jikkostitwixxi deroga ghall-principju fundamentali li l-gudikat jikkostitwixxi l-ligi bejn il-kontendenti. Dan ir-rimedju, ghalhekk, jista' jigi invokat biss fil-kazijiet tassattivament elenkati fil-ligi u inoltre', id-disposizzjonijiet relattivi ghandhom jigu nterpretati ristrettivament. Konsegwentement ma jistax jigi permess illi ebda wiehed mill-partijiet li, taht il-pretest ta' ritrattazzjoni, jerga' jiftah il-kawza u b'hekk indirettament jipprova jikkrea ghalih tribunal ghat-tielet istanza.

*Tornando* ghall-kaz inkwistjoni, ir-ritrattandi jinvokaw l-artikolu 811(a) u dan billi ssostni li l-qerq da parti tas-socjeta' ritrattata jikkonsisti fil-fatt ta' prezentata ta' nota ta' sottomissjonijiet meta dan ma kienx permess mill-qorti u l-istess nota ma gietx notifikata lill-atturi kif ordnat mill-qorti stess. Isostnu li ebda parti ma tista' tesebixxi dokumenti jew noti jekk mhux bil-permess tal-qorti.

Hekk kif jinghad mill-**Mortara, Commentario del Codice e delle Leggi di Procedura Civili**[9]**,** *"Elemento essenziale del dolo e' il raggiro, cioe' l'azione fraudolenta; il concetto di esso va inteso nella legge processuale con I noti temperamenti ammessi per la interpretazione della legge materiale".*

---

[6] App Civ 7.12.1936 fil-kawza fl-ismijiet **Wismayer vs Wismayer et** (Kollez Vol XXIX.i.795)

[7] **S. Testaferrata Moroni Viani et vs D. Vella noe,** App Nru: 1317/1990 deciz fl-24 ta' Settembru 2004

[8] App Civ 173/93/2 deciz fit-30 ta' Gunju 2003

[9] Milano, 1910, Vol IV para 495

Fil-kawza fl-ismijiet **Morana vs Spiteri**[10] intqal li *"Hemm lok ghar-ritrattazzjoni ta' kawza fuq il-motiv li s-sentenza mpunjata kienet l-effett ta' qerq prattikat mill-parti l-ohra, biss, meta, minhabba r-raggiri jew l-atti frawdolenti tal-parti l-wahda, l-avversarju gie mqieghed fl-impossibilita' ta' difiza gusta u tajba, u jkun gie attentat ghall-bona fede tal-gudikant; u mhux lecitu li tintalab ir-ritrattazzjoni fuq dan il-motiv bhala attentat biex tigi rinvangata kwistjoni ta' apprezzament ta' provi li ga' ghamlet u ddecidiet is-sentenza mpunjata".*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Fortunata Pisani vs Antonio Pisani**[11] gie ritenut:

*"Mhux kwalunkwe dolo jew ingann ta' parti kontra l-ohra jaghti lok ghal rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni, izda meta minhabba raggiri jew l-attijiet frawdolenti tal-parti avversarja gie mqieghed fl-impossibilita' ta' difiza gusta u tajba.*

*"Per causa di dolo o dif rode si rescindono u contratti", jghid Ricci, Procedura Civile, Vol II, pag 590, nru 565 "perche' in ogni contratto e' sempre sottintesa la clausola dolum malum abesse, ab futurumque esse. Lo stesso principio e' applicabile ai giudizi, nei quali il ditto antico gia' raffigurava un quasi contratto…..il dolo…e' quello diretto a soppraffare ogni difesa della parte contraria ed a sorprendere la religione del magistrate. Non qualunque fatto doloso adunque puo' servire di base alla domanda di rivocazione, ma quello solo per il quale la parte avversa sia messa nella impossibilita' di potersi difendere, e siasi percio' attentato alla buona fede del magistrate. Conseguentemente non puo' essere redarguita di dolo quella parte che tace quando puo' tornare a suo pregudizio e dissimula qualche cosa nello scopo di avvantaggiare la propria difesa.*

*Id-dolo li huwa mehtieg f'dan il-kaz tar-ritrattazzjoni huwa dak definit minn Labeone, riportat minn Ulpiano (fr. 1 para*

[10] Vol XLIV.1.133 deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Mejju, 1960
[11] Vol XXXI.I.231 deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-13 ta' Lulju 1942

*2Dig. De dolo malo), "dolum malum esse calliditatem omnem, fallacium, macchinatium ad circumveniendum, fallendum, decipiendum alterum adhibitum". Kif ighid il Pisanelli (Relazione sul Progetto del Codice Civile, IV, No 1080) "adunque le false asserzioni non bastano; e' necessario che esse sieno accompagnate da tali artifizi che rendano impossibile o vana la difesa dell'avversario". U l-Digesto Italiano, V. Rivocazione, pagina 1530, "il dolo deve sempre integrarsi in una macchinazione che impedisca all'altra parte il libero svolgimeto della propria difesa".*

*Ikkunsidrat;*

*Illi f'dan il-kaz ma kienx hemm il-makkinazzjoni jew ir-raggiri, izda biss l-attrici ma qalitx fatt li kellha lealment tghid, kif l-anqas dak l-att doluz tal-attrici ma rrenda d-difiza tal-konvenut impossibbli jew inutili, ghaliex kien dejjem fil-poter u l-fakolta' tal-konvenut, ghad-difiza gusta tieghu, li jiehu dik l-informazzjoni fuq Paolo Pisani li wara rnexxielu jiehu. Difatti kif irriteniet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-Maesta' tar-Re fil-kawza **"Cremona vs Bruno"** fil-31 ta' Marzu 1894 (Kollez.Vol. XIV. P309) "al dire dello stesso Borsari (Codice Italiano di Procedura Civile), il quale segue la dottrina del Carre' e del Cheveau sull'articolo 480, no 10, del Codice Francese di Procedura Civile, se l'avversario conserva nel segreto documenti…….. invano si direbbe che simile occultazione costituisce il dolo, poiche' e' principio debetis afferre probationes non ab adversario adduci.*

*Jekk il-parti naqset li ggib xi prova mhux minhabba d-dolo tal-parti l-ohra, imma ghan-negligenza taghha, ma tistax, wara li jkun hemm sentenza li ghaddiet f'gudikat, tmur ghar-rimedju tar-ritrattazzjoni".*

F'dan il-kaz, il-qorti ma tirravviza l-ebda qerq min-naha tas-socjeta' ritrattata kif espost mill-gurisprudenza succitata. Jirrizulta mill-atti li r-ritrattandi kellhom kull opportunita' mhux biss li jressqu l-provi u d-difiza taghhom – kif fil-fatt ghamlu – izda anki li jressqu n-nota ta' sottomissjonijiet taghhom. Jirrizulta infatti li sa mis-seduta

quddiem l-Assistent Gudizzjarju tal-4 ta' Mejju 2012 quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr Attard Hili, l-avukat tar-ritrattandi rrizerva li jipprezenta nota b'dokumenti bankarji fir-Registru tal-Qorti. Il-partijiet talbu li l-process jigi rimess lill-qorti stante li l-istadju tax-xhieda kien maghluq. F'dik l-istess seduta r-ritrattandi talbu li jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet sal-udjenza tas-27 ta' Gunju, 2012 filwaqt li s-socjeta' ritrattata talbet sal-ahhar ta' Awwissu 2012 ghall-prezentata tan-nota responsiva. Permezz tad-digriet tas-7 ta' Mejju 2012, il-Qorti laqghet it-talba u rrizervat li tiddiferixxi l-kawza ghas-sentenza fl-udjenza li kien imiss. Fl-udjenza tas-27 ta' Gunju 2012 l-atturi ma pprezentawx in-nota ta' sottomissjonijiet taghhom u talbu li jinghataw terminu. Il-qorti tat-terminu u l-atturi baqghu ma pprezentawx in-nota taghhom. Huwa minnu li r-rikors li sar mis-socjeta' ritrattata baqa' ma giex notifikat lill-kontro-parti, madankollu meta pprezentat in-nota ta' sottomissjonijiet taghha originarjament kienet awtorizzata biex taghmel dan. Fi kwalunkwe kaz, mill-qari tas-sentenza wkoll ma jistax jinghad li l-qorti waslet ghad-decizjoni taghha fuq raggiri tas-socjeta' ritrattata. Kienu l-istess ritrattandi li naqsu li jipprezentaw in-nota ta' sottomissjonijiet taghhom. Oltre' dan jinghad ukoll li kull parti ghandha d-dover li ssegwi l-kawza u f'dan il-kaz il-kawza li pprezentaw huma stess.

Ir-ritrattandi nvokaw ukoll l-artikolu 811(l) tal-Kap 12 billi jsostnu li *"l-izball ta' fatt relatat man-nuqqas ta' notifika tar-rikors fuq precitat u minhabba l-fatt l-Ewwel Onor. Qorti ghamlet riferenza zbaljata ghall-fatti relattivi. Infatti fil-pagna 6 tal-imsemmija sentenza l-Onor. Qorti ddikjarat Dawn ic-cheques baqghu qatt ma gew prodotti bhala prova mill-atturi, u ghalhekk din il-Qorti ma setghetx tivverifika jekk gewx tassew imsarrfa minn Manwel Cini jew xi hadd iehor f'isem is-socjeta' konvenuta.*

*Illi l-izball relattiv kien tali li kienet il-bazi li fuqha nghatat s-sentenza relattiva. L-izball jikkonsisti fil-fatt li mkien ma rrizulta n-necessita' li jigu esibiti dawn ic-cekkijiet proprju billi t-tisrif ta' dawn ic-cekkijiet kien pacifiku bejn il-partijiet, izda li ma kienx hemm qbil kien fuq ir-retroxena ta' dan it-tisrif. Tant hu hekk li l-persuna li hadet hsieb in-negozju*

*tal-promessa ta' bejgh da parti tas-socjeta' intimata, ossia Joseph Cini, lanqas biss xehed f'dawn il-proceduri".*

Hekk kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Double R Meats Co Ltd vs Emanuel MIcallef**[12]

*"Il-ligi titkellem b'mod car dwar liema zball ikun iwassal biex sentenza tista' tithassar. Tali zball irid ikun jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza u dan biss fil-kaz li d-decizjoni tkun imsejsa fuq is-suppozizzjoni ta' xi fatt li l-verita' tieghu tkun eskluza ghal kollox jew fuq is-suppozizzjoni li l-fatt ma jezistix. F'kull kaz, il-fatt ma jridx ikun punt kontestat li jkun gie deciz bis-sentenza. Ghal dan il-ghan, l-izball ta' fatt li jaghti lok ghar-ritrattazzjoni jrid ikun wiehed materjali, manifest u jirrizulta mill-atti nfushom, ghaliex mhux imholli li jitressqu provi biex jippruvaw tali zball[13]. Minbarra dan, l-izball ma jridx ikun relattiv ghall-kriterji jew karattri li bihom il-fatt ikun gie jew seta' gie mifhum mill-gudikant li ta s-sentenza li qieghed jintalab it-thassir taghha, ghaliex dan m'huwiex zball li johrog mill-atti imma fis-sewwa konvinciment insindakabbli tal-gudikant[14];*

*Illi, b'zieda ma' dan, l-izball li jwassal ghat-thassir ta' sentenza u s-smigh mill-gdid tal-kawza irid ikun iddetermina d-decizjoni tal-gudikant fis-sens li kien l-fondament ewlieni tas-sentenza. B'dan il-mod, inghad li ma hemmx lok ghat-thassir tas-sentenza jekk kemm-il darba din, ghalkemm vizzjata minn zball ta' fatt manifest, tkun tista' tigi mod iehor imwiezna b'ragunijiet ohrajn indipendenti minn tali zball[15]. Fuq kollox, ma tithalliex issir ritrattazzjoni fejn il-fatt zbaljat ikun punt li gie ikkontestat u deciz fis-sentenza attakkata[16];"*

---

[12] Cit Nru: 1057/2001 deciza fit-3 ta' Lulju,2003

[13] App Civ deciz fit-22 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet **John Zammit vs Michael Zammit Tabona et**

[14] Prim'Awla GV deciza fit-30 ta' Marzu 2001 fl-ismijiet **Mary Rota noe vs Mary Camilleri et**

[15] App Civ deciz fit-18 ta' Gunju 1954 fl-ismijiet **Mifsud vs Zahra** (Kollez Vol XXXVIII.i.323)

[16] App Civ deciz fis-6 ta' Dicembru 2002 fl-ismijiet **M'Louise Muscat Inglott et vs Louis Manduca**

Dan gie kkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet **Salvino Testaferrata Moroni Viani et vs David Vella noe**[17] fejn inghad li l-izball ravvizat f'dan il-paragrafu hu mehtieg li: (i) l-izball ikun zball materjali ta' fatt u mhux zball ta' kriterju jew ta' interpretazzjoni; (ii) l-izball irid jirrizulta mill-atti u dokumenti tal-kawza u ghalhekk hija nassoluatment inammissibbli l-produzzjoni ta' atti u dokumenti godda biex tigi fornita l-prova ta' l-izball; (iii) l-istess zball ikun manifest, tali cioe' li jemergi mis-semplici konfront bejn id-dikjarazzjonijiet tas-sentenza u l-atti u dokumenti tal-kawza, b'mod li jkun jidher prodott esklussivament minn semplici inavvertenza tal-gudikant. Inoltre' il-kelma "ibbazata" fl-espressjoni wzata mil-legislatur necessarjament tfisser li dak l-izball ikun iddetermina d-decizjoni mpunjata ossia jkun zball deciziv, b'tali mod li s-sentenza ivvizjata b'dak l-izball ma tkunx tista' tigi sanata minn xi ragunamenti ohra ndipendenti minn dik zbaljata.

In verita', il-qorti li tat is-sentenza kienet korretta meta kkummentat li c-cekkijiet inkwistjoni ma gewx prezentati u ghalhekk din il-qorti ma tistax tifhem kif ir-ritrattandi qeghdin isostnu dan. Oltre' dan huwa dejjem necessarju li tigi prezentata l-ahjar prova – f'dan il-kaz anki jekk il-kontro-parti accettaw li c-cekkijiet issarrfu dejjem ikkontestaw li huma rcevew il-flus u kwindi kien jinkombi fuq l-atturi li jgibu prova in sostenn ta' l-allegazzjoni taghhom.

Dwar in-nuqqas ta' notifika tar-rikors dan huwa minnu madankollu xorta ma jistax jinghad li sar xi zball ta' fatt. Lanqas il-fatt li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghaliex il-partijiet infushom kienu qablu li l-kawza kienet matura ghas-sentenza.

Apparti dan kollu, din il-qorti tqis ukoll li t-talba kif proposta lanqas ma tista' tintlaqa' a tenur ta' l-artikolu 812 tal-Kap 12 ghaliex it-talba ghal ritrattazzjoni qeghdha ssir minn sentenza moghtija minn qorti tal-ewwel grad li ma sarx appell minnha u l-istess atturi naqsu li jippruvaw – u fil-fatt lanqas allegaw mod iehor – li huma saru jafu bil-fatti li

[17] App Civ Nru: 1317/1990 deciz fl-24 ta' Settembru 2004

minhabba fihom talbu r-ritrattazzjoni wara li jkun ghalaq iz-zmien tal-appell. Infatti mill-verbal tas-seduta tas-17 ta' Ottubru 2012 il-qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghat-12 ta' Dicembru 2012. Ir-ritrattandi kellhom l-obbligu li jsegwu u jivverifikaw il-verbali u ghalhekk jekk ma kienux jafu zgur li setghu jkunu jafu bid-differiment u kwindi ma jistghux jigu premjati minhabba t-traskuragni u negligenza taghhom. Hekk kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Said International Limited vs MAC Limited et**[18]**,** *"ir-ritrattazzjoni mhix ammissibbli meta s-sentenza setghet tigi impunjata bil-mezz ordinarju tal-appell".*

Ghal dawn il-motivi, din il-qorti filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' ritrattata, tichad it-talbiet tar-ritrattandi bl-ispejjez a karigu taghhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[18] App Civ 7.07.2003, Numru 3/2001PS